MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2015

Appell Kriminali Numru. 432/2014

**Il-Pulizija**

**v.**

**Tarquin Vella**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra TarquinVella, detentur tal-karta tal-identita` numru 405690(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli għax-xhur minn Awwissu 2013 sa Diċembru 2013, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jagħti lil Roxanne Brignioni u/jew lil uliedha s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien 15 il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fis-27 ta' Ottubru 2014 li permezz taghha dik il-Qorti, wara

li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmi Tarquin Vella ħati u kkundannatu xahrejn priġunerija;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Tarquin Vella ppreżentat fid-29 ta’ Ottubru 2014 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabitu ħati u tirrevoka l-piena nflitta u minflok tinfliġġi piena iktar idonea u inqas ħarxa li tirrispekkja l-każ in eżami;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semgħet ix-xiehda ta’ Roxanne Brignone; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** Dan huwa appell dwar il-piena. L-appellant jgħid:

> “Illi l-appellanti jikkontendi li l-piena nflitta fuqu hija wahda esagerata tenut kont il-fatt li l-appellant ma riedx li jahrab mill-obbligi tieghu imma kienet biss kwistjoni ta’ incertezza li ghalkemm mhux motiv sabiex tehles lil appellant mill-obbligu tal-manteniment lil Omm il-Minuri pero` dina l-Onorabbli Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni l-incertezza li l-missier ghadu mhux cert jekk hux il-missier biologiku tal-minuri u kif ukoll li ghandu zewg ulied ohra.
>
> “Illi l-appellanti ghaddej minn diffikultajiet finanzjarji kbar minhabba li mhux biss huwa obbligat li jivversa l-manteniment ta’ tliet mija u hamsin ewro (€350), kif ukoll irid jaghti manteniment ghaz-zewg ulied l-ohra.
>
> “Illi l-appellanti sab ruhu rinfaccjat b’cirkostanzi li ma kellux kontroll fuqhom, fejn huwa pprova jaghmel ghall-ahjar izda sfalu fix-xejn.
>
> “Illi kienu d-dikjarazzjonijiet foloz tal-parte civile li wasslu sabiex tinghata decizjoni bhal din mertu ta’ dan l-appell li qieghed iwassal lill-appellanti sabiex jiskonta piena ta’ habs.
>
> “Illi fis-sentenza deciza mill-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Publius Said**, deciza fid-9 ta’ Lulju, 2003 u f’diversi sentenzi sussegwenti:
>
> “‘l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il-kontravernzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti u osservati skrupolozament.’
>
> “Illi fis-sentenza deciza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Azzopardi** deciza fis-26 ta’ Settembr, 2011, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (per Imhallef David Scicluna) gie deciz li in vista ta’ dak deciz fis-sentenza Il-Pulizija vs Publius Said, ‘*konsegwentement ghandu jkun hemm temperament fil-piena’* u dik il-Qorti rriformat is-sentenza appellata, rrevokatha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal xahar prigunerija, u minflok kkundannatu ghall-hlas ta’ ammenda ta’ tmienja u hamsin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€52.23), liema somma tigi kkonvertita f’hamest ijiem detenzjoni jekk ma tithallasx minnufih.’

> "Illi anki fis-sentenza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mario Gafá**, deciz fl-1 ta' Novembru, 2010 (Appell Kriminali Numru 259/2010) fejn l-imputat kien akkuzat talli ma hallasx il-manteniment ghax xhur ta' Awwissu 2009, Settembru 2009, Ottubru 2009 u Novembru 2009, l-ewwel Qorti kienet ikkundannatu xahar prigunerija sospizi ghal sena ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ordnatu sabiex ihallas is-somma ta' elfejn u tmienja u erbghin ewro (€2,048).
>
> "Illi nonostante dan, dwaar din il-piena msemmija f'din is-sentenza citata, il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet irriformat is-sentenza appellata, irrevokatha in kwantu kkundannat lill-imputat Mario Gafá xahar prigunerija sospizi ghal sena ia termini tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta u ordnat li jhallas is-smma ta' elfejn u tmienja u erbghin ewro (€2048) fi zmien tliet (3) xhur ai termini tal-artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u minflok a tenur tal-Artikolu 15 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, twiddbu biex ma jergax u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.
>
> "Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Brincat** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-21 ta' Mejju 2013, l-imputat kien akkuzat talli ma hallasx manteniment ghax-xhur ta' Gunju 2011 u Lulju 2011, l-ewwel Qorti kienet ikkundannatu xahar prigunerija sospizi ghal sena ai terminu tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 u ordnat lill-imputat sabiex ihallas is-somma ta' erba mitt ewro (€400) fi zmien xahar ai termini tal-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
>
> "Illi din l-Onorabbli Qorti kienet laqghet l-aggravju tal-appellant dwar il-piena u bidlet u rrevokat il-piena ta' '*xahar prigunerija sospiza ghal sena u minflok qed tikkundannah ihallas ammenda ta' €58'*."

**6.** L-ewwelnett in-nuqqas ta' ċertezza ta' l-appellant dwar il-paternita` tal-minuri ma teżimiehx mir-responsabbilta` għall-ħlas tal-manteniment li ġie ordnat iħallas b'digriet tal-Qorti tal-Familja. Jekk jemmen li mhuwiex il-missier bijoloġiku, hemm il-forum adatt fejn jista' javvanza l-pretensjonijiet tiegħu, kif jgħid fir-rikors ta' appell tiegħu li għamel. Hekk ukoll, jekk għandu żewġ ulied oħra, huwa xorta jibqa' responsabbli għall-ħlas ta' manteniment lil dan it-tielet wild kif ordnat.

**7.** Waqt it-trattazzjoni ntqal illi l-appellant mhuwiex jaħdem. Dwar il-fattur tax-xogħol il-ġurisprudenza in materja hija llum waħda stabbilita u magħrufa. Hekk fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Anthony Saliba** deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-15 ta' Lulju 1998, ġie ritenut li jekk persuna ma tkunx tista' tħallas il-manteniment ordnat meta din tisfa diżokkupata, ir-rimedju hu li dik il-persuna tadixxi *"tempestivament u fi żmien utili lill-Qorti Ċivili kompetenti biex din, wara li tieħu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment"*. Hu biss wara li dik il-persuna tottjeni tali modifika li tkun tista' tħallas inqas, jekk ikun il-każ. Sakemm dan isir, jibqa' l-obbligu tal-ħlas skond l-ewwel digriet. Ma jirriżultax li l-appellant

ħa tali passi.

**8.** L-appellant jirreferi għal diversi sentenzi fejn din il-Qorti tat pieni alternattivi għal dik ta' priġunerija. Dak li ma qalx l-appellant, pero`, huwa li dawn kienu kollha każijiet fejn saru l-pagamenti opportuni ta' manteniment fil-mori ta' l-appell. Fil-każ odjern, li jirreferi għall-manteniment għall-perijodu minn Awwissu 2013 sa Diċembru 2013, l-appellant ma ħallas assolutament xejn. Baqa' ma ħallas xejn ukoll nonostante illi din il-Qorti tagħtu l-opportunita` biex jagħmel hekk.

**9.** Issa, meta nħarġet iċ-ċitazzjoni mill-Pulizija Eżekuttiva, l-akkuża kienet tirreferi biss għax-xahar ta' Diċembru 2013. Fl-ewwel seduta quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, il-prosekuzzjoni talbet korrezzjoni sabiex l-akkuża tinqara "minn Awwissu 2013 sa Diċembru 2013". Ma talbitx li n-nuqqasijiet ta' l-appellant jitqiesu bħala reat kontinwat. Għalhekk mhuwiex applikabbli l-artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-fatt l-ewwel Qorti għamlet referenza biss għall-artikolu 338(z) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-pieni applikabbli, mela, huma dawk applikabbli għall-kontravvenzjonijiet. L-appellant lanqas ma ġie akkużat illi huwa reċidiv, u għalhekk it-tieni *proviso*[1] ta' l-artikolu 338(z) mhux applikabbli. Konsegwentement l-appellant ma setax jiġi kkundannat xahrejn "priġunerija".

**10.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, u filwaqt illi tikkonfermaha għal dik li hi ħtija, tirrevokaha in kwantu kkundannatu xahrejn priġunerija u minflok tikkundannah xahar detenzjoni.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] "Iżda wkoll meta l-ħati jkun reċidiv f'kontravvenzjoni taħt dan il-paragrafu l-ħati jista' jeħel piena ta' detenzjoni ta' mhux iżjed minn tliet xhur jew multa ta' mhux iżjed minn mitejn euro jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn xahrejn"